MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 32

3 ta' Frar 2015

Minuti tas-seduta Nru. 32 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 3 ta' Frar 2015.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni għall-minuta 17.3 **(Ref: T/3/2/Vol XII)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"17.3. Għalkemm jaqbel ma' inizjattivi ta' din ix-xorta, il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jintervjeni, peress li din hija inizjattiva meħuda minn Nature Trust u għalhekk l-istess għaqda għandha tiġi kkuntattjata biex isiru magħrufa l-intenzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti bl-emenda mressqa bl-emenda mressqa u għaldaqstant is-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2015 (A/5/3/1/Vol XIV)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u ġibed l-attenzjoni li l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti pproponiet li l-isparatura li tiġi organizzata ta' kull sena fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill issir fit-22 ta' Marzu 2015.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-isem ta' din il-kompetizzjoni jibda jissejjaħ "It-Tazza tal-Kunsill" billi l-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill ġew trasferiti għal Lulju.

### 2.2.1. Użu tal-*billboard* fit-telgħa ta' Selmun (S/6/Vol IV)

2.2.2. Saret referenza għal imejl datat 28 ta' Jannar 2015 fejn l-għaqda volontarja Puttinu Cares talbet il-permess tal-Kunsill sabiex tagħmel użu mill-*billboard* imsemmi lejn l-aħħar ta' Marzu u t-tieni ġimgħa ta' Mejju 2015 bil-għan li tippromwovi il-maratona annwali b'riżq il-fond Puttinu.

2.2.3. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-*billboard* ser ikun okkupat bil-promozzjoni tal-maratona li ser issir mis-Societa` Filarmonica La Vittoria bejn is-6 u t-8 ta' Marzu, filwaqt li minn Mejju 'il quddiem se jkun okkupat bil-*poster* tal-*Mellieħa International Music Festival*. Għaldaqstant, ikun jista' jintwera materjal fuqu bejn id-9 ta' Marzu u t-30 ta' April 2015.

2.2.4. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata tweġiba skont il-minuta 2.2.3.

### 2.3.1. Servizz dwar ġbir tal-ħġieġ bieb-bieb (K/6/11)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.1 tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-ftehim dwar il-ġbir tal-iskart riċiklabbli kien għadu ma' ġiex iffirmat minkejja li ilu approvat minn Diċembru 2014. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa għarraf verbalment dwar dan lill-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima – l-Onor. Leo Brincat – u sussegwentement ġiet mgħoddija lilu l-korrispondenza li kien hemm bejn Green MT Ltd u l-Kunsill dwar ammonti ta' flus dovuti skont il-ftehim li kien hemm fis-seħħ.

2.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jeħtieġ issir pressjoni fuq Green MT biex jiġi ffirmat il-ftehim il-ġdid u jsir il-ħlas li għadu dovut.

2.3.4. Is-Segretarju fakkar li s-somma totali dovuta hija ta' €10,598 li minnhom għad-fadal x'jitħallsu €4,598.

2.3.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinkiteb ittra fejn Green MT Ltd jintalbu jħallsu l-ammont imsemmi fil-minuta 2.3.4. u jersqu għall-iffirmar tal-ftehim sa mhux aktar tard mill-27 ta' Frar 2015. Kopja tal-istess ittra għandha tintbagħat lid-diretturi tal-istess kumpanija, kif ukoll lill-ministru konċernat.

### 2.4.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-ħlas tal-ħarġa għaċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni (ĊAK) f'Birkirkara, ser ikun €13, li minbarra l-wiri tad-dokudrama *The Shipwrech*, jinkludi wkoll waqfa għal kafe` f'Ħ'Attard. Hija qalet ukoll li ser tittieħed l-opportunita` biex issir taħdita dwar is-separazzjoni tal-iskart.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 31/01/15;
- Skeda ta' Pagamenti – 09/01/15 – 31/01/15;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/01/15 - 28;/01/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Estimi 2015 – Ir-Raba' Abbozz;
- Pjan ta' Ħidma 2015-2017

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Rampa għall-persuni b'diżabilita` fi Triq San Pawl (P/8/1/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Jannar 2015, mibgħuta mis-Societa` Filarmonica La Vittoria fejn ipproponew li ssir rampa għall-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti eżatt quddiem il-bieb tas-sala tal-każin tal-istess soċjeta` bi dħul minn Triq San Pawl. Intalab ukoll parkeġġ riżervat għall-istess skop.

4.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li minbarra l-parkeġġ riżervat, jeħtieġ li jkun hemm *hatching* biswit l-istess parkeġġ li jkun wiesgħa biżżejjed biex jgħaddi siġġu tar-roti.

4.1.4. Il-Kunsill inkariga lill-Kunsillier H. Fenech sabiex jikkuntattja lid-direzzjoni tas-soċjeta` bil-għan jsir magħruf eżatt x'hini eżattament l-esiġenza msemmija fit-talba.

### 4.2.1. Tindif volontarju fl-insaġar tal-Aħrax (T/6/1/Vol III)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Jannar 2015, fejn l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti appellat għall-għajnuna tal-Kunsill sabiex issir żabra u tneħħija ta' skart li jitħalla fl-imsaġar imsemmija. L-għaqda qalet li din l-attivita` ser tkun mifruxa fuq ħames Ħdud bejn l-1 ta' Frar u l-1 ta' Marzu 2015. L-għaqda talbet li tiġi pprovduta *skip* kull darba, kif ukoll materjal ieħor meħtieġ biex isir tindif bl-idejn.

4.2.3. Il-Kunsill approva t-talba billi l-inizjattiva tinvolvi art pubblika.

### 4.3.1. Ftehim dwar l-Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (A/6/7/4)

4.3.2. Inqara imejl datat 23 ta' Jannar 2015, fejn l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu għaddiet *addendum* sabiex jiġi mehmuż mal-ftehim li kien sar fl-2012 dwar l-uffiċċju msemmi, bil-għan li l-istess ftehim jiġi estiż għal sentejn oħra li jiskadu fl-4 ta' Diċembru 2016.

4.3.3. Il-Kunsill awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-*addendum.*

### 4.4.1. Wirja tal-arti minn John Vic Borg (S/6/Vol IV)

4.4.2. Inqara imejl datat 28 ta' Jannar 2015, is-Sur John Vic Borg għarraf li ser itellgħa wirja ta' pittura fis-Sagristija Vaults tal-Valletta Waterfront li ser tkun miftuħa għall-pubbliku bejn is-17 u l-31 ta' Lulju 2015. Is-Sur J.V. Borg qal għoxrin fil-mija mill-bejgħ tal-pittura ser imur b'riżq il-*Community Chest Fund*. Huwa appella sabiex il-Kunsill ikopri l-ispejjeż għall-ispażju okkupat fil-post imsemmi li jammontaw għall-€750.

4.4.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-Artiklu 63A tal-Att dwar Kunsilli Lokali jipprojbixxi donazzjonijiet.

4.4.4. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li s-Sur J.V. Borg kemm-il darba kien parteċipi f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill, kemm fil-Mellieħa u anke barra minn Malta, li permezz tagħhom ingħata *exposure* li ċertament għenitu jiżviluppa t-talenti tiegħu.

4.4.5. Il-Kunsill innota l-kumment skont il-minuti 4.4.3 u 4.4.4. u ddeċieda li għandhom jinstabu mezzi legali sabiex tingħata għajnuna fl-ispirtu tal-Artiklu 33(o) tal-Att. Kien hemm qbil li kwalunkwe nvolviment li jkun hemm mill-Kunsill m'ghandux jaqbeż €200.

### 4.5.1. Skema 2 – Manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern (B/7/Vol III)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 29 ta' Jannar 2015 li ġiet mgħoddija mic-*Chairperson* tal-Awtorita` tad-Djar – Is-Sinjura Antoinette Vassallo – waqt laqgħa li saret mas-Sindku u s-Segretarju fl-istess data. Fil-laqgħa ġie spjegat li l-Awtorita` ser talloka €35,000 għas-sena 2015 sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa fil-partijiet komuni tas-seba' blokki li jinsabu fil-Qasam Ta' Pennellu. Għaldaqstant il-Kunsill qed jintalab ilaqqa' lir-residenti tal-blokki biex titwaqqaf l-għaqda tar-residenti bil-għan li jintgħażel l-amministrattur. Hekk kif isir dan, il-Kunsill jintalab jidħol fi ftehim uffiċjali mal-Awtorita` u l-amministraturi. L-awtorita` għaddiet lista dwar tipi ta' tiswijiet li huma eliġibbli, kif ukoll abbozz tal-ftehim. Wara li jiġu evalwati l-*items* mitluba mill-amministraturi, il-perit tal-Awtorita` jagħmel il-verifiki meħtieġa u wara jkunu jista' jsir ix-xogħol. L-kontijiet relattivi jiġu mgħoddija lill-Awtorita` li kemm-il darba tkun sodisfatta, tgħaddi l-fondi lill-amministraturi sabiex jagħmlu l-ħlas.

4.5.3. Fid-dawl tal-eżitu` tal-laqgħa li saret maċ-*Chairperson* tal-Awtorita` tad-Djar, is-Sindku qal li l-pass li jmiss huwa li ssir il-laqgħa għar-residenti sabiex jinħatru l-amministratturi sabiex sussegwentement tiġi spjegata lilhom l-iskema aktar fid-dettal fil-preżenza tas-Sinjura Antoinette Vassallo.

4.5.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni proposta.

### 4.6.1. Appell mis-Sanzjonar ta' xogħlijiet li saru fi Sqaq Ħarruba (D/3/1/Vol V)

4.6.2. Is-Segretarju rrefera għas-sanżjonar tal-wiċċ bil-konkos illi sar fi Sqaq Ħarruba permezz ta' PA 3337/13 kif ukoll għall-appell 159/14 MS li sar minn xi residenti ta' Triq il-Mejjiesa kontra l-ħruġ tal-istess permess. Is-Sur C. Debono qal li f'sentenza mogħtija mit-Tribunal

ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fid-29 ta' Jannar 2015, irriżulta li t-talba tal-appellanti ma ġietx milqugħa peress li kienet tardiva.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.7.1. Tanti Kiosk fi Triq il-Marfa fl-Għadira (X/1/4/Vol II)

4.7.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Jannar 2015 mibgħut mis-Sur Patrick Tanti fejn qal li huwa ġie mitlub mill-MEPA sabiex iwaqqaf il-kjosk li għandu mal-*promenade* tal-Għadira, b'ċerti tibdil. Is-Sur Tanti qal ukoll li dan sar u talab li jitneħħew il-pilastri u s-sotto-bank li hemm bejn l-istess *promenade* u l-kjosk.

4.7.3. Il-Kunsill osserva li l-*promenade* tal-Għadira tifforma parti mit-triq arterjali, iżda kien tal-fehma li s-Sur Tanti għandu jintalab jgħaddi kopja tal-pjanti approvati mill-MEPA qabel jagħti l-opinjoni tiegħu.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 31 ta' Jannar 2015.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda tal-pagamenti li tkopri bejn id-9 u l-31 ta' Jannar 2015.

6.3. Il-Kunsillier J. Gauci aċċenna għall-pagament 051-01-05 mitlub minn Public Broadcasting Ltd b'rabta mar-reklamar tal-avveniment tal-Ewwel tas-Sena 2015. Huwa staqsa dwar jekk il-valur ta' din l-ispiża ġiex irkuprat f'dik li hija attendenza.

6.4. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-pagament 064-01-05 mitlub minn Studio 7 Co. Ltd u staqsa għaliex dan kien meħtieġ b'rabta mal-avveniment tal-Ewwel tas-Sena 2015, meta kienet diġa nħarġet ordni ta' xogħol oħra lill-istess fornitur.

6.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li r-reklamar illi sar fuq il-mezzi tal-PBS Ltd ċertament li kien effettiv, flimkien ma' dak li sar permezz ta' mezzi oħra, biex il-pubbliku sar jaf bl-avveniment.

6.6. Rigward l-osservazzjoni li saret fil-minuta 6.4. is-Sur C. Bartolo spjega li l-*projectors* illi ntremgħu f'ċertu għoli fuq *scaffolding* kellu jiġi mirfud b'aktar ħadid bħala prekawzjoni billi skont ir-rapport tat-temp għal dakinhar, ir-riħ kellu jitqawwa.

6.7. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash,* bejn l-1 u t-28 ta' Jannar 2015

6.8. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Programm dwar ir-*resurfacing* ta' toroq (T/4/13/Vol XI)

7.2. Is-Sindku għarraf li l-kuntrattur Central Asphalt Ltd mhux ser ikun f'posizzjoni li jimplimenta l-programm ta' toroq f'Tas-Sellum qabel ix-xhur tas-sajf minħabba xogħlijiet li għandu diġa kommessi. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan ifisser li x-xogħlijiet fuq Triq it-Tumbrell, Triq il-Kaħli, Triq it-Tunnaġġ u Triq il-Klamari ma jistgħux jitwettaq qabel Ottubru 2015. Għaldaqstant huwa ppropona li minflok għandha ssir Triq Ramlet il-Qortin, wara li jsir ftehim mal-kuntrattur sabiex il-pagamenti jinqasmu fuq sentejn billi l-ispiża nvoluta tammonta €261,747.

7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk għadux qed jiġi kkunsidrat li jsir *major patching* fi Triq il-Marfa, bejn Triq it-Trill u Dawret it-Tunnara.

7.4. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol speċifikat fil-minuta 7.3. jinvolvi wkoll bdil ta' *main* tal-ilma maġġuri illi ilu li sar ħafna snin ilu. Dan apparti bdil ta' servizzi oħra relatati mas-servizz tat-telefon.

7.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta, filwaqt li talab li jkun hemm ftehim bil-kitba mal-kuntrattur konċernat.

**8.1. Programm dwar l-introduzzjoni ta' dwal ġodda fit-toroq ta' Santa Marija Estate (E/1/3/Vol IV)**

8.2. Is-Sindku għarraf li l-*Contract Manager* konċernat intalab jagħmel stima tad-dwal li meħtieġa jsiru fil-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna, Ix-Xatt ta' Santa Marija u fi Triq il-Qasab. Dawn ġew stmati hekk:

| | |
|---|---|
| Triq Għajn Żejtuna (Isfel) | €37,523 |
| Ix-Xatt ta' Santa Marija | €42,346 |
| Triq il-Qasab | €24,820 |

Is-Sindku ppropona li matul l-2015 isiru: il-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna, ix-Xatt ta' Santa Marija u Triq il-Qasab.

8.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li skont l-aħħar abbozz tal-Estimi 2015 is-somma allokata tipprovdi biss għall-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna, flimkien ma' lampi ġodda oħra li jiġu approvati mill-Enemalta matul is-sena. Is-Sur C. Debono spjega li mill-vot tal-lampi ġodda ta' €166,000 iridu jitħallsu l-iskemi l-ġodda li saru fi Triq Ta' Taħt l-Irdum u fil-parti ċentrali ta' Triq Għajn Żejtuna. Huwa qal li l-implimentazzjoni tal-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna ġiet inkluża fl-estimi 2015 wara li ttieħed in konsiderazzjoni li ser ikun dħul ta' €102,819 mill-Fond għat-Titjib Urban *(UIF)* amministrat mill-MEPA.

8.4. Il-Kunsill innota l-ispjegazzjoni mogħtija fil-minuta 8.3.

**9.1. Manutenzjoni tal-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol III)**

9.2. Is-Sindku fakkar li fl-10 ta' Mejju 2014 kien sar appell lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali sabiex id-Direttorat tar-Restawr għal darba oħra joffru l-esperjenza u l-ħaddiema tagħhom bil-għan li dan il-bini storiku jiġi konservat qabel ikun tard wisq. Il-Kunsill Lokali, min-naħa tiegħu, ikun dispost li jipprovdi l-materjal u servizzi oħra anċillari relatati max-xogħol meħtieġ.

9.3. Is-Segretarju qal li huwa kkuntattja lis-Sur Russell Muscat mill-Ministeru msemmi illi għarfu li ser jitwaqqaf il-*Cultural Heritage Fund*, li permezz tiegħu jkunu jistgħu jsiru nterventi żgħar f'dak li huwa restawr.

9.4. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa kkuntattja il-Perit Ivana Farrugia mid-Direttorat tar-Restawr, illi għarfitu li l-istess direttorat ma jkunx jista' jintervjeni peress li l-batterija kienet ġiet devoluta lill-Kunsill. Għaldaqstant huwa kkuntattja lill-perit tal-Kunsill sabiex iħejji *bill of quantities*, bil-għan li jkun jista' jintuża biex isiru talbiet għall-għajnuna lill-entitajiet konċernati, jew għal finanzjament skont il-Miżura 313 taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD), meta jkun il-waqt.

9.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li jista' isir appell lill-istituzzjonijiet bħalma huma l-banek, sabiex jintvervjenu finanzjarjament.

9.6. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

**10.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:-**

**"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandu jiġi ppreżentat il-Budget u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u**

**U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 29, 30 u 31 tad-9 u 30 ta' Diċembru 2014 u 13 ta' Jannar 2015, rispettivament, kif ukoll saru żewġ laqgħat għar-residenti fil-Mellieħa u l-Manikata, skont ma jitlob l-imsemmi Att fid-19 u l-20 ta' Jannar 2015;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2015 u l-Business Plan għas-snin 2015/2017, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/26)**

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

## 11.1. Attrezzar u użu tal-faċilitajiet fis-Sala tal-Komunita` (S/3/7/Vol IV)

11.2. Is-Sindku għarraf li fit-3 ta' Frar 2015 saret laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja u l-President tal-Kunsill Skolastiku – is-Sinjuri Maryrose Cordina u Carmelo Bartolo, rispettivament. Flimkien miegħu attenda wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Carmel Debono. Fl-istess laqgħa ġiet żvelata x-xewqa tal-Kunsill Lokali li jkompli jinvesti fis-Sala tal-Iskola li effettivament hija post li jintuża mill-komunita` u għalhekk mhux limitat biss għall-attivitajiet tal-istess skola. Il-Kap tal-Iskola ndikat li jeħtieġ jinbidlu l-i*speakers,* kif ukoll il-*cabling* tagħhom peress li dawn idderterjoraw bl-użu. Ġie miftiehem li kellhom jinġabru stimi bil-għan li jiġi stabbilit kif għandu jsir il-*procurement*.

11.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li fl-istess laqgħa ġew diskussi kundizzjonijonijiet riveduti dwar l-użu tas-sala tal-komunita` li eventwalment ser jitpoġġew fuq l-aġenda għas-seduta li jmiss.

## 12.1. Laqgħa mal-Kap Eżekuttiv ta' Enemalta plc (E/1/3/Vol IV)(R/2/3)(P/4/3/Vol IV)

12.2. Is-Sindku J. Buttigieg għarraf li fit-23 ta' Jannar 2015 huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ltaqgħu mal-Kap Eżekuttiv u l-*Manager* tad-Distribuzzjoni ta' Enemalta plc – l-Inginiera Fredrick Azzopardi u Carmel Xerri, rispettivament. Kompla jgħid li permezz ta' din il-laqgħa sar magħruf li:

- Sa Marzu 2015 l-Enemalta tkun ikkonkludiet l-eżercizzju li qed isir dwar it-tisħiħ tal-provista bl-*upgrading* tas-*substation* ta' Daħlet ix-Xmajjar, u l-installazzjoni ta' *smart meters* fiz-zoni kollha tal-*boathouses* gewwa l-Aħrax;
- Li x-xogħol fuq it-trinka li saret fi Triq l-Armier b'rabta mal-*upgrading* tas-*substation* f'Dahlet ix-Xmajjar wasal fi stadju avvanzjat, fejn sar sforz biex kemm huwa possibbli ma jintmessx it-tarmak li sar mill-Kunsill;
- In-numru tal-lampi tat-toroq ezistenti fiż-żoni kollha tal-boathouses ser jinżamm, iżda ser jiġu trasferiti fuq l-arbli ġodda – kollox għas-spejjeż tal-Enemalta;
- Għalissa dawn mhux ser jiġu devoluti, għaliex dan irid isir flimkien mad-devoluzzjoni li eventwalment trid isseħħ fir-rigward tal-lampi kollha tal-lokalita`, li attwalment għadhom responsabilita` tal-Enemalta; u
- Jirriżulta li jeżistu lampi li mhumiex *accounted for*, li ovvjament ser jitħallew barra minn dan l-eżercizzju;
- Saret aċċenn għat-talba li għamel il-Kunsill sabiex parti mid-dwal li saru fl-*area* tal-Għajn tal-Mellieħa bil-għan li parti minnu jiġi nkluż mad-dwal tat-toroq. Sussegwentement wara l-laqgħa ngħatat tweġiba mill-Ing. C. Xerri li dan mhux possibbli peress li mhumiex qed jixgħelu triq;
- Il-manutenzjoni urġenti li jeħtieġu l-lanterni li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali, fejn irriżulta li l-Enemalta ma tidħolx għal dan it-tip ta' xogħol, minkejja li dawn id-dwal qatt ma ġew devoluti lill-Kunsill; u
- L-applikazzjoni PSL li ressaq il-Kunsill sabiex ikompli jwettaq il-fażijiet li jmiss fil-programm tad-dwal tat-toroq f'Santa Marija Estate – Triq Għajn Żejtuna (Isfel); ix-Xatt ta' Santa Marija; u Triq il-Qasab.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. Distribuzzjoni ta' ilma riċiklat (D/1/Vol II)

13.2. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa mal-kuntratturi Bianco Impianti Srl u Bonnici Brothers Ltd li attendew għaliha il-perit A. Balzan mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, il-Perit . Camilleri *project manager* u s-Segretarju C. Debono. Minnha rriżulta li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li attwalment għaddejja bi proġett kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea li jinvolvi id-distribuzzjoni ta' ilma riċiklat mill-Impjant għat-Tisfija tad-Drenaġġ tal-

Qammieħ lill-bdiewa u konsumaturi oħra. Għaldaqstant ser tipprovdi *pipeline* mill-ġibjun f'Tat-Tomna sa Binġemma fil-limiti tal-Imġarr. Dan ser jiġi inserit taħt l-art permezz ta' *ducts* li jitħafru orizzontalment, mingħajr il-ħtieġa ta' trinek fil-wiċċ. Ix-xogħol qed isir minn ditta Taljana – Bianco Impianti SRL – permezz ta' *riggers* li nġiebu apposta. Il-*pipeline* ser jiżbokka fi Triq il-Biedja sabiex isir vit minn fejn ikun jista' jitgħabba l-ilma fil-*bowsers* biex jinġarr fejn ikun meħtieġ. Billi sakemm isir dan ix-xogħol huwa meħtieġ li t-triq tingħalaq parzjalment, mhux ser ikun possibbli li tibqa' tgħaddi l-karozza tal-linja, filwaqt li l-bdiewa li għandhom ir-raba fil-madwar ser jitħallilhom aċċess. Huwa qal li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa għall-bdiewa, filwaqt li għaddejjin kuntatti ma' Transport Malta dwar ir-rotta tal-karozzi tal-linja.

13.3. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li huwa kkuntattja lill-Korporazzjoni sabiex jistaqsi dwar jekk hemmx pjanijiet ħalli l-istess ilma jitqassam lill-bdiewa li għandhom raba fl-inħawi tas-Sdieri.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Proġett ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (E/3/1/9/Vol IV)

14.2. Is-Sindku qal li mir-rispons illi kien hemm fil-laqgħa li saret għar-residenti tal-Manikata fl-20 ta' Jannar 2015, jidher li huma iktar favur li jsir tisbiħ tal-misraħ milli parkeġġ taħtu. Dan peress li l-ispażju jonqos sewwa, filwaqt li jkun użat għal ħinijiet qosra, partikularment fi tmiem-il ġimgħa. Is-Sur J. Buttigieg spjega li l-problema b'din il-proposta hija li l-Pjan Lokali jipprovdi li kemm-il darba jsir tisbiħ tal-misraħ, dan irid jinbidel f'żona pedonali. Għalhekk jeħtieġ li jinstab post alternattiv għall-parkeġġ, possibilment fuq l-art li hemm bejn il-knisja u Triq ir-Raded, jew biswit Triq il-Mellieħa, faċċata tat-Triq il-Ġdida.

14.3. Għaldaqstant huwa ppropona li l-applikazzjoni għall-parkeġġ għandha tiġi rtirata, filwaqt li ssir *planning control application* sabiex titneħħa l-kantuniera perikoluża li hemm fit-triq il-ġdida biswit il-misraħ.

14.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti skont il-minuti 14.2 u 14.3 u għalhekk il-perit għandu jingħata struzzjonijiet fuq l-istess linji.

## 15.1. *Water based commercial recreational inflatable parks* (X/1/4/Vol II)

15.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ġibed l-attenzjoni li fis-16 ta' Jannar 2015, Transport Malta ħarġet sejħa ta' interess dwar il-faċilitajiet imsemmija hawn fuq, li fost bajjiet oħra, tinvolvi dawk Tal-Mixquqa u Paradise Bay. Huwa qal li s-sejħa tagħlaq fl-24 ta' Frar 2015.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. *Interchange* u r-rotot tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

16.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għal mistoqsija parlamentari PQ 13845 li saret mill-Onor. R. Cutajar lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura fit-28 ta' Jannar 2015. Fit-tweġiba mogħtija fit-2 ta' Frar 2015, il-Ministru qal li kienet intlaqgħet it-talba tal-Kunsill Lokali sabiex ir-rotot kollha illi jgħaddu mill-inħawi ma jibqgħux jużaw l-*interchange* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u għalhekk ser jibdew jieqfu fit-toroq ewlenin, kif kieu jagħmlu qabel ir-riforma tat-trasport pubbliku fis-sena 2011. Il-Ministru qal ukoll li ser isiru taħditiet mal-operatur tat-trasport pubbliku bil-għan li dan it-tibdil jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Attivita` mill-Federazzjoni Vetturi Antiki (A/6/3/2/Vol 47)

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li huwa ġie kkuntattjat minn diriġenti tal-federazzjoni msemmija illi jixtiequ jorganizzaw attivita` fl-14, jew fil-21 ta' Marzu 2015 f'Misraħ il-Parroċċa. Din ser tkun tikkonsisti f'*rally* li jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa għall-ħabta ta' 5.00pm.Għaldaqstant talbu li tiġi riżervata l-pjazza sabiex jipparkjaw 50 vetturi li jkunu qed jieħdu sehem.

17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din l-attivita` toħloq konġestjoni tat-traffiku peress li l-ħin indikat jaħbat ma' dak tal-Quddies. Għalhekk kien hemm oġġezzjoni li din isseħħ sakemm ma tintemmx iktar qabel.

**18.1. Attivita` mill-Grupp tal-Qniepen (A/6/3/2/Vol 47)**

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-grupp imsemmi ser jorganizza *open day* nhar is-Sibt u l-Ħadd 21 u 22 ta' Marzu 2015. Kompla jgħid li ntalab l-intervent tal-Kunsill sabiex jinġiebu sitt barrikati ntiżi għas-sigurta` tal-pubbliku li jgħaddi minn kampnar għal'ieħor biex jara l-qniepen.

18.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu kkuntattjat il-Pulizija sabiex jinġiebu l-barrikati mitluba.

**19.1. Kors tal-Yoga (E/3/1/11)**

19.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini pproponiet li jsir il-kors imsemmi u talbet il-permess tal-Kunsill sabiex tkun tista' tagħmel il-kuntatti meħtieġa biex jinstab għalliem. Hija qalet li probabbilment il-lezzjonijiet ikollhom jsiru filgħodu minħabba li s-sala tal-Kunsill tkun okkupata filgħaxija b'korsijiet oħra.

19.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jingħata kumpens għall-użu tal-post, kif isir fil-każ ta' korsijiet oħra.

**20.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)**

20.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-kompetizzjoni tas-*Snooker* bdiet fit-3 ta' Frar 2015 u din id-darba hemm timijiet ġejjin mis-Societa` Filarmonica La Vittoria, l-Għaqda Mużikali Imperial; il-Mellieħa Sports Club, iċ-Ċentru Laburista, u Selmun Bar. Huwa qal ukoll li l-finali ser issir fis-sede tal-Mellieħa Sports Club u ser tkun lejn l-aħħar ta' April.

20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**21.1. Kors tal-kompjuter għall-anzjani (E/3/1/9/Vol IV)**

21.2. Il-Kunsillier J. Attard qal li huwa għaddej b'kuntatti mad-ditta TCTC Ltd bil-għan li jingħata l-kors imsemmi fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Huwa qal li dan ser jingħata mingħajr ħlas kemm għall-anzjani, kif ukoll għall-Kunsill. Huwa mistenni li jibda fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu 2015.

21.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

**22.1. Ftuħ taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)**

22.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-fatt li fit-2 ta' Frar 2015 iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum inżamm magħluq peress li rriżulta li kien hemm iż-żewġ uffiċjali nkarigati minnu li rrappurtaw ma jifilħux u għalhekk l-anzjani li attendew dakinhar tħallew barra għal ċertu ħin, sakemm id-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani sab lil xi ħadd ieħor biex jiftaħ minflokom.

22.3. Is-Sindku qal li diġa kien hemm wieħed mill-uffiċjali li rrappurtat ma' tiflaħx fil-ġurnata ta' qabel, filwaqt li rriżulta li t-tieni uffiċjal għamlet l-istess u rrappurtat l-istess kmieni fit-2 ta' Frar 2015. Dan ħoloq problema għad-Dipartiment biex isib lil xi ħadd biex jagħmel dan ix-xogħol fiż-żmien qasir. Is-Sur J. Buttigieg qal li jkun jagħmel sens jekk id-dipartiment iżomm uffiċjali għal-lest biex jilqa' għal dawn l-eventwalitajiet fiċ-ċentri kollha li jaqgħu fir-responsabilita` tiegħu.

22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u l-kumment tas-Sindku fil-minuta 22.3.

**23.1. Progett bi shab mal-Comune di Clusone fl-Italja (P/10/19)**

23.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo fakkar li tkomplew it-tħejjijiet għall-proġett li jġib l-isem *"La cultura unisce i giovani europei con minori opportunita`"li ser isir flimkien ma' imsieħba oħra mil-Latvia, u l-Ungerija.* Fil-fatt inġabar grupp ta' erbatax il-żgħażugħ li huwa magħmul minn: Jonathan Micallef, Jude Cauchi, Svetlana Micallef, Eunice Duncan, Rebecca Bartolo, Sascha Scicluna, Alvin-John Borg, Luke Vella, Daniel Xuereb, Thomas Sant, Anthea Sacco Mintoff, Luana Balzan, Jason Pace u Marie Cini. Is-Sur C. Bartolo qal li huwa ser ikun qed imexxi l-grupp u għaldaqstant ser ilaqqa' l-grupp fil-11 ta' Frar 2015 sabiex jingħataw aktar dettalji dwar il-preżentazzjonijiet li jridu jsiru bħala parti mill-proġett.

23.3. Is-Sur C. Bartolo kompla jispjega li l-biljetti tal-ajru ser jiġu pprovduti mill-Comune di Clusone. L-ispiża relatata mal-piż tal-bagalji fuq 15-il kilo jridu jagħmlu tajjeb għaliha l-membri tal-grupp u din tammonta €750 għall grupp kollu. Huwa qal ukoll li hu important li l-grupp kollu jkun kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

23.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinġieb stima dwar l-assikurazzjoni bil-għan li din tiġi pprovduta mill-istess Kunsill.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta, 24 ta' Frar 2015 fis-7.00pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**